MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2021

Appell Inferjuri Numru 117/2015/1 LM

**Maria Rosaria Farrugia (K.I. 1446M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Martin Formosa, fil-kapaċità tiegħu bħala President, Anthony Zammit fil-kapaċità tiegħu bħala Segretarju u Feliċ Zerafa fil-kapaċità tiegħu bħala Teżorier tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, Qrendi għan-nom u in rappreżentanza tal-istess,**
**u Thomas Smith Insurance Agency Limited** *("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk "is-soċjetà appellanta", **Thomas Smith Insurance Agency (C 5637)** mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti") fit-23

ta’ April, 2018 (minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”) li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi,

> “***Tiċħad*** *l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa kif ukoll dawk tas-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited.*
>
> ***Tiddikjara*** *lill-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa bħala President, Segretarju u Teżorier rispettivament tas-soċjetà Mużikali Santa Marija bħala responsabbli għal-ħruq tal-vettura Mercedes A Class bin-numru ta’ reġistrazzjoni ROS 068 illi seħħet ġewwa Lourdes Farmhouse, Qrendi wara li waqa’ murtal tan-nar fuq l-istess vettura fil-15 ta’ Awwissu 2014.*
>
> ***Tillikwida*** *d-danni sofferti riżultat ta’ tali inċident fis-somma ta’ erbat elef u seba’ mitt euro (€4,700).*
>
> ***Tikkundanna*** *lill-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit, Feliċ Zerafa u Thomas Smith Insurance Agency Limited* in solidum *bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ erbat elef u seba’ mitt euro (€4,700).*
>
> ***Spejjeż*** *kollha tal-proċeduri odjerni u* ***Imgħax*** *kalkolabbli mill-14 ta’ Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv ikunu a kariku tal-intimati kollha* in solidum *bejniethom.”*

## <u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti b’talba speċifika sabiex l-intimati jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta’ sitt elef, tliet mija u ħamsin Euro (€6,350) bl-imgħax legali fuq dan l-ammont, rappreżentanti danni sofferti minnha waqt inċident li seħħ meta kienet qiegħda tiġi ċċelebrata l-Festa ta’ Santa Marija tal-Qrendi, u murtal tal-ajru waqa’ fuq il-vettura proprjetà tar-rikorrenti u rrendieha *total loss.*

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti spjegat li fiż-żmien tal-inċident, il-valur fis-suq tal-vettura Mercedes A Class, bin-numru ta' reġistrazzjoni ROS 068, proprjetà tagħha, kien ta' €4,700. Qalet li apparti t-telf tal-vettura tagħha, hija sofriet telf ta' oġġetti ta' valur konsiderevoli li kellha fil-vettura, fosthom GPS b'valur ta' €450, kif ukoll inkorriet spejjeż addizzjonali sabiex setgħet tagħmel użu minn vettura tal-kiri.

4. Fir-risposta tagħhom l-intimati eċċepew li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk dawn għandhom jiġu miċħuda. Qalu li huma kienu koperti bil-permessi neċessarji maħruġa mill-awtoritajiet. Qalu ukoll li huma segwew il-kundizzjonijiet kollha imposti fuqhom. Żiedu jgħidu li la min-naħa tagħhom u lanqas min-naħa tal-persuni mqabbda minnhom biex jaħarqu n-nar ma kienx hemm traskuraġni jew negliġenza kif allegat mir-rikorrenti. Qalu wkoll li l-ammont pretiż mir-rikorrenti qiegħed jiġi kkontestat minnhom.

5. L-Ewwel Qorti semgħet diversi xhieda u evalwat diversi provi qabel waslet għad-deċiżjoni tagħha. Ir-rikorrenti ppreżentat kopja ta' rapport redatt minn **David Borg Saydon**, mill-kumpannija The Fire Guardian Co. Ltd., li ntalab jaċċedi fuq is-sit fejn seħħ l-inċident u jħejji rapport dwar il-ħsara sofferta mill-vettura tar-rikorrenti b'konsegwenza tal-inċident. Dan ix-xhud ikkonstata li qabel seħħ l-inċident, il-vettura tar-rikorrenti kienet miżmuma fi stat tajjeb. Ix-xhud qal li n-nar kien ikkonċentrat fiż-żona ta' taħt il-*windscreen* tal-vettura, u minn hemm in-nar daħal fuq ġewwa tal-vettura fejn ikkawża ħsara

konsiderevoli fil-magna u fil-*wiring*. Ikkonstata wkoll li minkejja li f'dan il-każ kien evidenti x'kien is-sors tan-nar, madanakollu bħala parti mill-eżerċizzju li għamel, huwa eskluda wkoll li kien hemm xi ħsara fil-magna tal-vettura li setgħet ikkawżat in-nirien. Ix-xhud qal ukoll li n-nirien laħqu l-vettura għaliex kienet taħt tinda tan-*nylon* li ħa in-nar meta waqa' l-murtal fuqha, bil-konsegwenza li l-vettura ħadet in-nar. Ġie stabbilit ukoll li n-nar kien skopert mis-sid tal-*farmhouse* fejn kienet ipparkjata l-vettura, li pprova jitfi n-nar b'pajp tal-ilma u ħa ħsieb iċempel lit-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, ir-riħ kien qiegħed jonfoħ fid-direzzjoni opposta, u n-nar aktarx li spiċċa fuq il-vettura wara li waqgħu biċċiet tal-karti u tal-kartun li kienu għadhom qegħdin jaqbdu.

6. **Ian Busuttil** xehed li missieru għandu residenza fil-Qrendi b'*area* privata fejn jistgħu jiġu pparkjati l-vetturi. Qal li l-inċident seħħ meta murtal li kien qiegħed jinħaraq biex tiġi ċċelebrata l-festa waqa' eżatt fuq il-vettura tar-rikorrenti, li dak il-ħin kienet ipparkjata fid-*drive-in* tar-residenza ta' missieru. Ix-xhud spjega li din il-vettura kienet tal-kumpannija li huwa kien impjegat magħha fiż-żmien meta seħħ l-inċident, u huwa kien juża din il-vettura għax-xogħol. Qal li minkejja li huwa għamel dak kollu li seta' biex jintefa' n-nar, il-vettura xorta waħda ġarrbet ħsarat estensivi u ġiet iddikjarata *total loss.* Ix-xhud qal li huwa kellu jikri vettura oħra biex ikun jista' jaħdem biha għal xi żmien. Qal li membri tal-Protezzjoni Ċivili waslu fil-post tal-inċident meta huwa u missieru kienu diġà tfew in-nar. Qal ukoll ħadd mill-membri tas-Soċjetà Mużikali intimata ma marru fuq il-post sabiex jaraw x'kien ġara.

7. Ix-xhud **John Busuttil** spjega li fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa kien qiegħed fir-razzett tiegħu, meta f'ħin minnhom murtal li kien qiegħed jinħaraq għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa, waqa' fuq il-vettura li kien juża ibnu għax-xogħol. Ix-xhud qal li nar intefa minnu u minn ibnu permezz ta' pajp tal-ilma, anki għaliex għal xi żmien huwa kien jaħdem bħala pumpier tan-nar, u dak il-ħin huma aġixxew malajr minħabba l-biżgħa li l-vettura, li kienet mimlija bil-*petrol,* setgħet tisplodi jekk in-nar ma jiġix ikkontrollat.

8. Ix-xhud **Robert Farrugia Vella** qal li Ian Busuttil huwa impjegat mal-kumpannija ta' ommu Crosscraft, u dan kien juża l-vettura inkwistjoni b'mod regolari fix-xogħol tiegħu. Qal li l-vettura kienet assigurata taħt polza *third party liability* u għalhekk il-*claim* tagħhom ma ġietx aċċettata mill-kumpannija li kienu assigurati magħha. Dan ix-xhud ikkonferma li l-kumpannija kellha tikri vettura alternattiva għal xi żmien, sakemm eventwalment inxtrat vettura oħra.

9. **David Borg Saydon** xehed li huwa kien ġie inkarigat mill-*general manager* ta' Thomas Smith Insurance Brokers biex jispezzjona l-vettura involuta fl-inċident. Qal li huwa ċċekkja l-vettura biex jara kienx hemm xi ħsara fil-kompartament tal-magna, iżda sab li din ma kellhiex ħsarat li setgħu kkawżaw in-nirien. Qal li waqt l-investigazzjoni tiegħu fl-inħawi ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura, huwa sab ħafna fdalijiet li għandhom x'jaqsmu mal-logħob tan-nar. Qal li n-nar oriġina fil-parti tal-*windscreen* tal-vettura, baqa' dieħel fuq ġewwa tagħha u baqa' dejjem jikber.

10. L-intimat **Mario Zerafa** xehed li huwa għandu liċenzja biex ikun jista' jaħdem in-nar, u huwa jaħdem in-nar fil-kamra tan-nar ta' Santa Marija, il-

Qrendi. Qal li fiż-żmien li seħħ l-inċident huwa kien ukoll Segretarju Ġenerali tal-każin ta' Santa Marija tal-istess lokal. Qal li dak iż-żmien bħala Segretarju tal-każin huwa kien applika mal-Pulizija u mal-entitajiet governattivi sabiex ikun jista' jsir ħruq tan-nar tal-ajru kif isir kull sena minn xi għelieqi. Qal li l-permessi maħruġa kienu jirregolaw il-ħin meta seta' jsir il-ħruq tan-nar u l-post minn fejn dan seta' jinħaraq, u kien jiġi assigurat ukoll li fuq il-post ikun hemm *fire engine.* Qal li qabel seħħ l-inċident, il-kamra tan-nar inkwistjoni kienet ilha aktar minn ġimgħa taħraq in-nar mill-istess post. Qal li fil-15 t'Awwissu, 2014, jiġifieri dakinhar li seħħ l-inċident, il-*fire engine* kienet fuq il-post qabel beda l-ħruq tal-murtali, u l-*licensee* tal-kamra tan-nar, Feliċ Zerafa, kien f'kuntatt kontinwu mal-ekwipaġġ tal-*fire engine* sabiex jekk taqbad xi għalqa, dan ikun jista' jindika lill-pumpiera l-post eżatt fejn kien hemm l-inċendju. Qal li fil-15 t'Awwissu, 2014, li huwa jum il-festa, in-nar tal-ajru jispiċċa sal-għaxra u nofs ta' billejl, u fil-ħdax u kwart ta' billejl, il-membri tal-ekwipaġġ tal-*fire engine,* kienu staqsew lil-*licensee* jekk setgħux jitilqu minn fuq il-post, u dan infurmahom li setgħu jitilqu ladarba ma kienx hemm aktar nar x'jinħaraq. Dan ix-xhud qal li kien biss ftit minuti wara li telqet il-*fire engine,* li l-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili ġew infurmati li kien hemm vettura li ħadet in-nar. Ix-xhud qal li sal-ħdax u kwart ta' billejl, la l-persuni li kienu qegħdin jaħarqu n-nar u lanqas il-ħaddiema tal-*fire engine* ma kienu raw xi nirien jew dħaħen fl-inħawi, u żied jgħid li wara l-għaxra ta' billejl ma sar l-ebda ħruq fil-viċinanzi ta' fejn kienet tinsab din il-vettura. Qal li meta jinħarġu l-permessi għall-ħruq tan-nar, il-Pulizija tara li tiżgombra lil kull persuna jew kull vettura li tkun f'distanza ta' 200 metru mill-post fejn ikun ser isir il-ħruq tan-nar. Żied jgħid li f'dan il-każ,

din il-vettura ma kienet tidher minn imkien għaliex kienet moħbija wara xatba għolja u pparkjata taħt xibka ħadra.

11. **Felix Zerafa** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa l-*licensee* tal-kamra tan-nar ta' Santa Marija tal-Qrendi, u ta' kull sena huwa jieħu ħsieb jiffirma l-applikazzjonijiet għall-permessi kollha relatati mal-piroteknika. Qal li l-permess għall-ħruq tan-nar ma jinħariġx jekk l-għaqda ma jkollhiex permess għall-*fire engine* fuq is-sit, li l-ħlas għaliha jrid isir minn qabel. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien f'kuntatt mal-pumpiera li kienu xogħol, u ftiehem magħhom fejn l-aħjar li kellhom joqogħdu sabiex jiġi evitat kull inċident. Qal li ftit ħin wara li beda l-ħruq tan-nar, kien hemm bżonn li dawn il-pumpiera jintbagħtu jitfu nar li qabad viċin razzett fl-inħawi tal-kmamar tan-nar tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq. Qal li l-pumpiera baqgħu xogħol fl-inħawi l-ħin kollu, u kien biss wara li spiċċa l-aħħar marċ ta' jum il-festa li huwa rċieva telefonata mingħand il-pumpiera li ntbagħtu mal-*fire engine,* li staqsewh jekk setgħux jitilqu minn fejn kienu stazzjonati. Żied jgħid li ftit mumenti wara, l-istess pumpiera infurmawh li kienet qabdet vettura f'razzett. Qal li minkejja li oriġinarjament kienet intalbet il-preżenza ta' xi ħadd mis-soċjetà tagħhom waqt l-aċċess li kellu jsir mill-espert li eżamina l-vettura l-għada tal-inċident, sussegwentement huma ġew infurmati biex ma jattendux sabiex jiġi evitat li jinqala' xi diżgwid ma' sid ir-razzett.

12. **Stephen Friggieri**, pumpier tal-*fire engine* li kien xogħol fil-festa tal-Qrendi dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, spjega li għall-ħabta tal-ħdax ta' billejl hu u l-kollegi tiegħu kienu kkuntattjaw lill-persuni li kienu qegħdin jaħarqu n-nar sabiex jassiguraw li dawn kienu lesti. Qal li huma

ħadu wkoll l-i*stand down* mill-*control room* tagħhom. Dan ix-xhud spjega li l-informazzjoni li kien hemm vettura qiegħda taqbad waslet mingħand min kien qiegħed jaħraq in-nar, u huma marru fl-inħawi indikati lilhom sabiex jitfu n-nirien. Qal imma li meta waslu fuq il-post sabu li n-nar kien diġà mitfi. Ix-xhud qal li hu ma jafx jekk in-nirien fil-vettura ġewx ikkawżati mil-logħob tan-nar, jew inkella jekk setax kien hemm xi attività oħra għaddejja fl-inħawi li setgħet ikkawżat in-nar.

**Is-Sentenza Appellata**

13. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 2018, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, iddikjarat lil Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa fil-karigi rispettivi tagħhom ta' President, Segretarju u Teżorier tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija bħala responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri li seħħ fil-15 ta' Awwissu, 2014, ġewwa Lourdes Farmhouse, il-Qrendi, fejn sfat maħruqa l-vettura Mercedes A Class bin-numru ta' reġistrazzjoni ROS 068, meta waqa' fuqha murtal tal-festa; illikwidat id-danni sofferti fl-ammont ta' €4,700; u kkundannat lill-intimati kollha iħallsu *in solidum* bejniethom dan l-ammont lir-rikorrenti, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali a kariku tal-intimati *in solidum* bejniethom, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Il-Qorti:-*
>
> *Rat ir-rikors promutur ippreżentat fil-15 ta' April 2015 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati:*
>
> > *"tħallsuha s-somma ta' €6,350 oltre l-imgħax legali mill-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 2014 rappreżentanti danni minnha sofferti, li jikkonsistu in kwantu*

*għal €4,700 valur tal-karozza Mercedes A class b'numru ta' reġistrazzjoni ROS 068 li ġiet ikkundannata bħala* total loss *u dan skont il-*market value *tal-karozza hawn anness u mmarkat Dok. DB1, €450 rappreżentanti l-valur ta' diversi oġġett li kienu jinstabu fil-karozza fosthom GPS u in kwantu għal €1,200 rappreżentanti spejjeż interkorsi mill-esponenti għall-kiri ta' karozza oħra u dan in segwitu għall-inċident li seħħ fil-15 ta' Awwissu 2014 fejn minħabba traskuraġni, negliġenza, nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti tal-piroteknika, b'mod perikoluż u b'nuqqas ta' sengħa u arti, il-karozza Mercedes A class proprjetà ta' Maria Rosaria Farrugia sfat maħruqa kompletament u dan wara li din ġiet milquta minn murtal li ttajjar mis-soċjetà mużikali intimata waqt il-festa ta' Santa Marija tal-Qrendi tas-sena 2014 u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif joħroġ mir-rapport magħmul lill-Pulizija li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. DB2 u mill-Fire Investigation Report magħmul minn David Borg Saydon wara li ġie mqabbad mill-kumpannija assikuratriċi intimata, li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DB3.*

*Illi l-intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited hija l-kumpannija assikuratriċi tal-għaqda mużikali intimata.*

*Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluża ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 2014 li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn immarkata Dok. DB4, l-intimati xorta waħda baqgħu inadempjenti u dan minkejja saħansitra s-soċjetà assikuratriċi intimata ġia ammettiet illi t-tort.*

*Rat ir-risposta tas-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited, ippreżentata fl-24 ta' April 2015, fejn qajjmet is-segwenti eċċezzjonijiet:*

*Illi hija ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi stante li hija la kienet involuta b'xi mod u manjiera fl-okkażjoni tal-14 ta' Awwissu 2014 li fiha allegatament ġiet danneġġjata l-vettura ROS 068, u lanqas kienet b'xi mod komparteċipi fl-attivitajiet li taw lok għal dawn id-danni, kif lanqas ma ħarġet polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni jew l-attivitajiet li taw lok għad-danni reklamati mill-attriċi.*

*Illi l-esponenti lanqas ma għandha xi relazzjoni ġuridika mas-Soċjetà Mużikali Santa Marija Qrendi.*

*Illi konsegwentement hija ma hijiex il-leġittima kontradittriċi tal-attriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Rat l-eċċezzjonijiet ippreżentati mill-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa bħala President, Segretarju u Teżorier tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija Qrendi fit-18 ta' Ġunju 2015 fejn qalu illi:*

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-konvenuti kienu koperti bil-permessi maħruġa mill-awtoritajiet u segwew il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-istess permessi u għaldaqstant l-aġir tal-konvenuti kien kollu fil-parametri tar-regolamenti tal-piroteknika.*
2. *Illi l-konvenuti qegħdin bil-qawwa kollha jirrespinġu l-allegazzjoni miġjuba mill-attriċi illi tali inċident huwa imputabbli għall-konvenuti stante illi kien l-aġir traskurat, negliġenti tal-attriċi u/jew ta' min tqabbad minnha li seta' s dan l-inċident kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
3. *Illi l-konvenuti qegħdin jikkontestaw ukoll l-ammonti pretiżi mill-attriċi."*

*Semgħet ix-xhieda ta'* ***Ian Busuttil*** *mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2015 u prodott mir-rikorrenti u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.*

*Semgħet ix-xhieda ta'* ***John Busuttil*** *mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2015 u prodott mir-rikorrenti.*

*Semgħet ix-xhieda ta'* ***Robert Farrugia Vella*** *mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2015 u prodott mir-rikorrenti.*

*Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2015 il-Qorti appuntat bħala* surveyor *lil Peter Bonnici sabiex jikkonstata l-istat tal-vettura ROS 068.*

*Semgħet ix-xhieda ta'* ***David Borg Saydon****, mogħtija fit-23 ta' Novembru 2015 u prodott mir-rikorrenti.*

*Rat ir-rapport tas-*surveyor *Peter Bonnici ippreżentat fl-1 ta' Frar 2016 u maħluf fl-4 ta' Lulju 2016 (fol. 74).*

*Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Feliċ Zerafa*** *u* ***Mario Zerafa****, ppreżentati fit-12 ta' Diċembru 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni kollha minnhom ippreżentati, fosthom permess maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija lil Feliċ Zerafa (fol. 90)*

*Sema' x-xhieda ta'* ***Kevin Borg Degiorgio****, rappreżentant tas-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited u mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2016.*

*Rat illi fis-6 ta' Marzu 2017 is-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.*

*Semgħet ix-xhieda ta'* ***Stephen Friggieri*** *u* ***Joseph Zammit****,* 'fire fighters', *mogħtija fit-8 ta' Mejju 2017 u prodotti mill-intimati.*

*Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Joseph Busuttil u Ian Busuttil mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2017.*

*Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' David Borg Saydon mogħtija fil-15 ta' Jannar 2018.*

*Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Feliċ Zerafa u Mario Zerafa mogħtija fil-5 ta' Frar 2018 u rat il-polza tal-assikurazzjoni maħruġa a favur ta' Feliċ Zerafa mis-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited fil-21 ta' Lulju 2014 (a fol. 174).*

*Rat illi fil-5 ta' Frar 2018 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali.*

*Rat illi fid-9 ta' April 2018, deher biss il-konsulent legali tar-rikorrenti, illi għamel it-trattazzjoni tiegħu, filwaqt illi l-intimati u il-konsulenti legali tagħhom, imsejħin diversi drabi, ma dehrux.*

*Rat illi fid-9 ta' April 2018 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.*

***Ikkunsidrat***

*Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimata Maria Rosaria Farrugia kienet is-sid tal-vettura Mercedes A Class, bin-numru ta' reġistrazzjoni ROS 068, liema vettura kienet fil-pussess ta' Ian Busuttil illi jaħdem fil-kumpannija ta' iben ir-rikorrenti, Robert Farrugia Vella.*

*Jirriżulta illi fil-15 ta' Awwissu tas-sena 2014, il-vettura, li kienet fil-pussess ta' Ian Busuttil, kienet ġewwa r-razzett ta' missieru, John Busuttil, ġewwa Lourdes Farmhouse, Qrendi, fejn kemm Ian Busuttil u John Busuttil kienu qed joqgħodu flimkien mal-familjari tiegħu.*

*Jirriżulta illi dakinhar, is-Soċjetà Mużikali Santa Marija kienet qiegħda taħraq in-nar tal-festa tal-Qrendi, illi tinżamm nhar il-15 ta' Awwissu, minn sit fil-viċinanzi ta' fejn kien ir-razzett u residenza ta' John Busuttil, missier Ian Busuttil.*

*Jirriżulta illi l-vettura kienet ipparkjata ġewwa* drive-in *illi hemm bħala parti mir-razzett ta' John Busuttil, u dina taħt tinda ħadra illi kienet isservi bħala lqugħ għax-xemx.*

*Jirriżulta illi, mument minnhom, filgħaxija, hekk kif kienu qed jispiċċaw it-tlugħ tan-nar ta' parte tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, ittellgħet hekk imsejħa 'bomba' illi, madankollu, ma ħaditx kif mixtieq u waqgħet 'l isfel qabel ma ħadet kompletament, bir-riżultat illi partijiet minnha waqgħu fid-dintorni tar-razzett ta' John Busuttil, kif ukoll ġewwa l-istess razzett.*

*Jirriżulta, di fatti, illi wieħed mill-murtali ta' din il-bomba, niżel ġewwa d-*drive-in *fejn kienet ipparkjata l-vettura Mercedes ROS 068, u wara illi dina nifdet it-tinda ħadra illi kien hemm fid-*drive*, baqgħet nieżla fuq il-*windscreen *ta' quddiem tal-Mercedes, bir-riżultat illi faqqgħet il-*windscreen *tal-istess karozza u qabbdet in-nar fil-vettura.*

*Jirriżulta illi John Busuttil u Ian Busuttil, illi kienu ndunaw x'ġara, ippruvaw jitfu n-nar bil-pipe tal-ilma illi kellhom, u irnexxilhom jikkontrollaw xi ftit in-nar b'mod illi ma nfirixx fil-parti ta' wara tal-vettura fejn kien hemm il-petrol tal-vettura, u eventwalment meta waslu fuq il-post l-Iskwadra għat-Tifi tan-Nar, in-nar kien kontrollat u l-Membri tal-Iskwadra għenu biss biex jassikuraw illi n-nar ma jerġax jaqbad.*

*Jirriżulta illi, bħala riżultat ta' dana l-inċident, il-vettura sofriet ħsarat estensivi fil-karozza, tant illi l-espert tekniku mqabbad minn dina l-Qorti, is-*surveyor *Peter Bonnici, kellu dan xi jgħid dwar il-vettura meta huwa raha (fol. 74):*

> "The vehicle in question has sustained severe damage caused by external fire source.
> Fire damage is concentrated mainly at the base of the windscreen and upper section of dashboard.
> These include complete meltdown of wiring harnesses, grilles and plastic components and dashboard itself.
> Airbags (Driver and Passenger) were deployed – probably cause being a short circuit on the main harness.
> Other damages appear on the roof panel, tailgate and rear bumper – these too appear to have been caused by burning fragments.
> Some cabin upholstery and control buttons and switches sustained heat radiation damage.
> Repairs on this vehicle are not viable.
> Value as at time of incident (2014) was in the region of €5,300."

*Jirriżulta illi għalkemm ir-rikorrenti interpellat lill-intimati sabiex iħallsu permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 14 ta' Ottubru 2014 (fol. 16) dawn baqgħu inadempjenti.*

***Ikkunsidrat***

*Jirriżulta illi s-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited saħqet illi hija ma kellha ebda polza ta' assikurazzjoni u ebda relazzjoni ġuridika la mar-rikorrenti u wisq anqas mal-intimati, u għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Jirriżulta illi l-intimati, da parte tagħhom, saħqu illi huma kellhom il-permessi kollha meħtieġa biex jaħarqu n-nar u l-inċident kien riżultat tal-"aġir traskurat, negliġenti tal-attriċi u/jew min tqabbad minnha li seta' seħħ dan l-inċident."*

***Ikkunsidrat***

*Jirriżulta illi, skont dokumentazzjoni esebita mill-intimat Mario Zerafa, illi s-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni 'Third Party Liability' a favur ta' "*Various Members of the Malta Pyrotechnic Society as noted below ... Mr Felix Zerafa" *u dan għall-Festa Santa Marija, Qrendi tal-15 ta' Awwissu 2014 (fol. 174).*

*Jirriżulta, għalhekk, illi s-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited kellha polza tal-assikurazzjoni illi kienet qiegħda tkopri l-attività tal-ħruq tan-nar u kienet tkopri lil Feliċ Zerafa, fost persuni oħra responsabbli għall-piroteknika.*

*Jirriżulta wkoll, skont dokumentazzjoni esebita minn Feliċ Zerafa, illi huwa kellu permess maħruġ mill-Pulizija "biex jinħarqu l-murtali mill-postijiet magħrufa bħala l-Gwiewet, Ħal Lew u tal-Ħotba nhar il-15 ta' Awwissu 2015." (fol. 90).*

*Jirriżulta bla ebda dubju, illi dakinhar li seħħ l-akkadut, l-unika murtali li kienu qed jittellgħu fil-viċinanzi kienu dawk tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, u għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-murtal li waqa' fuq il-vettura tar-rikorrenti ROS 068 kien murtal imtella' u maħruq mis-Soċjetà Mużikali Santa Marija, illi tagħhom l-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa kienu responsabbli bħala President, Segretarju u Teżorier rispettivament.*

*Jirriżulta, finalment, illi l-vettura ma kinitx barra fit-triq fil-mument tal-ħruq tan-nar, iżda kienet ġewwa l-proprjetà privata ta' John Busuttil, u għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tip ta' immaġinazzjoni l-intimati kkonkludew illi l-inċident tal-waqgħa tal-murtal fuq il-vettura ROS 068 kien riżultat tat-traskuraġni tar-rikorrenti jew min kien fdat bil-vettura tagħha, kif jgħidu.*

***Ikkunsidrat***

*Jirriżulta illi r-rikorrenti, fir-rikors promutur tagħha, talbet illi titħallas is-somma ta' €6,350 illi, kif minnha stess indikat, kien jinkludi s-somma ta' €4,700 bħala valur tal-*

*vettura nnifisha, €450 bħala valur ta' diversi oġġetti fosthom GPS illi kien hemm fil-vettura u €1,200 rappreżentanti spejjeż ta' kiri ta' karozza.*

*Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti ma ppreżentat ebda dokument in sostenn tal-ispejjeż minnha mitluba, għajr għal kopja ta' "*Vehicle Value Guide" – *ma ppreżentaw ebda irċevuti jew valutazzjonjiet ta' "oġġetti fosthom GPS illi kien hemm fil-vettura" u lanqas ma ppreżentaw xi fattura jew pagament in konnessjoni ma' "kiri ta' karozza", u dana minkejja illi kellhom diversi seduti sabiex jippreżentaw il-provi tagħhom.*

*Jirriżulta, iżda, illi l-Espert Tekniku imqabbad minn din il-Qorti, ossija s-*surveyor *Peter Bonnici, stqarr illi "*value as at the time of incident (2014) was in the region of €5,300."

*Tenut kont tal-fatt illi l-valur stabbilit mis-*surveyor *kien ta' madwar €5,300, dana jfisser illi s-somma mitluba għall-vettura da parte tar-rikorrenti, ossija €4,700 hija waħda ġusta u ppruvata.*

*L-ispejjeż l-oħra minnha mitluba, madanakollu, ma ġewx ippruvati u għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati mill-Qorti.*

***Konklużjoni***

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,*

*Wara illi rat ir-rapport tal-Espert minnha mqabbad,*

*Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tar-rikorrenti*

*Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-każ billi*

***Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa kif ukoll dawk tas-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited,*

***Tiddikjara** lill-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Feliċ Zerafa bħala President, Segretarju u Teżorier rispettivament tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija bħala responsabbli għall-ħruq tal-vettura Mercedes A Class bin-numru ta' reġistrazzjoni ROS 068 illi seħħet ġewwa Lourdes Farmhouse, Qrendi wara li waqa' murtal tan-nar fuq l-istess vettura fil-15 ta' Awwissu 2014.*

***Tillikwida** d-danni sofferti riżultat ta' tali inċident fis-somma ta' erbat elef u seba' mitt euro (€4,700).*

> ***Tikkundanna*** *lill-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit, Feliċ Zerafa u Thomas Smith Insurance Agency Limited* in solidum *bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' erbat elef u seba' mitt euro (€4,700).*
>
> ***Spejjeż*** *kollha tal-proċeduri odjerni, u* ***Imgħax*** *kalkolabbli mill-14 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv ikunu a kariku tal-intimati kollha* in solidum *bejniethom."*

## L-Appell

14. Is-soċjetà konvenuta Thomas Smith Insurance Agency Limited ppreżentat l-appell tagħha fid-9 ta' Mejju, 2018, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tvarja s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Inferjuri billi tħassarha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, u in kwantu kkundannat lill-esponenti sabiex,* in solidum *flimkien mal-intimati l-oħra, tħallas l-ammont ta' erbat elef u seba' mitt euro (€4,700) flimkien mal-imgħaxijiet kalkolabbli mill-14 ta' Ottubru 2014 u l-ispejjeż tal-proċeduri tar-rikorrenti, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-esponenti, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu dedotti kontra l-esponenti, u għalhekk tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti."*

15. L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex l-Ewwel Qorti naqset milli tinterpreta b'mod korrett id-dokument esebit *a fol.* 174 tal-proċess, u konsegwentement naqset milli tagħmel evalwazzjoni korretta tar-rwol li kellhom, jew ma kellhomx, Thomas Smith Insurance Brokers Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited, kif ukoll għamlet interpretazzjoni skorretta tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jirregolaw lill-*broker* u lill-*insurance agent* taħt l-Insurance Business Act (Kap. 487 tal-

Liġijiet ta' Malta). Spjegat li l-fatti li wasslu għall-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huma li l-appellata sofriet danni fil-vettura tagħha konsegwenza ta' ħruq ta' murtal mill-għaqda piroteknika tal-intimata Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi. Qalet li l-intimati l-oħra kienu koperti b'polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà estera WR Berkley Insurance (Europe) Limited, u din il-polza nħarġet tramite Thomas Smith Insurance Brokers Limited. Żiedet tgħid li din il-kawża hija indirizzata kontra Thomas Smith Insurance Agency Limited, u l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kienet din il-kumpannija li ħarġet il-polza tal-assikurazzjoni *third party liability* a favur ta' diversi membri tal-għaqda piroteknika tal-intimata Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi. Is-soċjetà appellanta qalet li fl-ewwel lok, bħala *insurance agent* hija ma toħroġx poloz tal-assigurazzjoni, u dan *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 487 u tal-Kap. 403 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta spjegat li Thomas Smith Insurance Brokers Limited hija kumpannija kompletament differenti minn Thomas Smith Insurance Agency Limited, u ż-żewġ kumpanniji għandhom numru ta' reġistrazzjoni differenti. Qalet ukoll li bħala *broker* l-attivitajiet tagħha huma elenkati fl-ewwel tliet paragrafi tat-tielet kolonna tal-Iskeda tal-Kap. 487, u l-funzjoni ta' *broker* hija dik li jaġixxi bħala aġent tal-assigurat, jara li jsiblu l-aħjar kundizzjonijiet u l-aħjar kopertura li tkun tgħodd għalih u għall-kundizzjonijiet partikolari tiegħu. L-appellanta spjegat li fiċ-ċirkostanzi partikolari, m'hemm l-ebda kumpannija tal-assigurazzjoni fis-suq lokali disposta li tassigura lid-dilettanti tan-nar fl-attivitajiet pirotekniċi tagħhom, u għalhekk tali riċerka trid issir fis-swieq barranin sabiex tkun tista' tinstab kumpannija li lesta toffri din il-kopertura, u f'dan il-każ instabet WR Berkley Insurance (Europe) Limited. Kompliet tgħid imma li l-*broker* ma jistax jitqies li

huwa l-persuna li toħroġ il-kopertura tal-assigurazzjoni, jew li huwa l-persuna responsabbli mir-riżarċiment għad-danni f'każ ta' sinistru. Is-soċjetà appellanta spjegat li d-dokument esebit *a fol.* 174 tal-proċess juri li l-assiguratur f'dan il-każ kienet is-soċjetà WR Berkley Insurance (Europe) Limited, u din il-polza nħarġet tramite l-intervent ta' Thomas Smith Insurance Brokers Limited. Qalet li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li Thomas Smith Insurance Brokers Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited huma kumpannija waħda. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fehma tagħha, ir-rikorrenti kellha tirregola ruħha fir-rigward tat-talbiet tagħha, partikolarment wara li nstemgħet ix-xhieda ta' Kevin Borg Degiorgio quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellanta qalet li mix-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, kellu jirriżulta b'mod ċar li hija kienet estraneja għall-polza tal-assigurazzjoni, u għalhekk m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi forma ta' danni li setgħu ġew sofferti mir-rikorrenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata waqt it-trattazzjoni, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Is-soċjetà appellanta essenzjalment qiegħda tgħid li hija mhijiex il-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri għaliex ma kinitx hi s-soċjetà li ħarġet il-polza tal-assigurazzjoni li biha kienet koperta l-għaqda piroteknika tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi.

16. L-appellata min-naħa l-oħra tgħid li l-appell tas-soċjetà appellanta jammonta biss għal logħob bil-kliem, stante li hija ma setgħet qatt tkun taf min kienet il-kumpannija li ħarġet il-polza tal-assigurazzjoni inkwistjoni, u dan għaliex hija ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar min kien l-assiguratur tal-għaqda piroteknika tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi. Mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda li semgħet l-Ewwel Qorti, jirriżulta li fil-fatt il-partijiet fil-kawża semmew diversi drabi li s-soċjetà tal-assigurazzjoni kienet "Thomas Smith ta' Ħal Luqa", mingħajr ebda dettalji ulterjuri dwar l-isem preċiż tal-kumpannija li kisbet il-polza tal-assigurazzjoni għall-għaqda piroteknika tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi. L-appellata qalet ukoll li kien biss meta ġie intavolat dan l-appell, li hija saret taf li s-soċjetà Thomas Smith Insurance Brokers Limited (C 40721) kienet aġixxiet ta' *broker* sabiex inħarġet il-polza minn WR Berkley (Europe) Limited.

17. Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għal xi sentenzi tal-Qrati tagħna dwar id-differenza bejn 'aġent' u '*broker*' fl-assigurazzjoni, għaliex id-distinzjoni hija waħda netta u li toħroġ mil-liġi. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Atlas Insurance Limited et *vs.* Malta Football Association**[1], inkiteb illi:

> "L-*insurance broker* huwa l-mandatarju tal-assigurat. Huwa jgħin biex jintlaħaq ftehim mal-assiguratur bl-iskop li jiġi assigurat riskju, tinħareġ assigurazzjoni f'isem il-persuna assigurata, bil-wegħda ta' indennizz jekk tiġri l-ħaġa msemmija fl-assigurazzjoni. L-*insurance broker* huwa l-mandatarju tal-assigurat u mhux tal-kumpannija tal-assigurazzjoni ...".

[1] P.A. 23.01.2008.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Michael Bertullo *vs.* Victor Cordina pro et noe et**[2], inkiteb illi:

> "... tikkwalifika *insurance broker* bħala dik il-persuna li għal xi kummissjoni jew kumpens ieħor jew oġġett ta' valur ikun x'ikun taġixxi jew tgħin b'xi mod biex tħajjar, jintlaħaq ftehim jew biex isir kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jiġi assigurat riskju jew biex tinħareġ assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tiġi assigurata, barra minnha nnifisha ...".

18. Huwa fatt magħruf ukoll li kumpannija għandha personalità ġuridika distinta, u dan huwa evidenzjat ukoll mill-fatt li ż-żewġ kumpanniji, Thomas Smith Insurance Brokers Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited għandhom numru ta' reġistrazzjoni differenti fir-Reġistru tal-Kumpanniji. Mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll mis-sottomissjonijiet tal-avukat difensur tas-soċjetà appellanta quddiem din il-Qorti, il-Qorti tinsab konvinta li s-soċjetà appellanta ma messhiex kienet parti f'dawn il-proċeduri u l-Ewwel Qorti kellha tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju. B'riferiment għal dak li ssottomettiet l-appellata li hija ma kinitx taf id-dettalji tal-assiguratur tal-għaqda piroteknika tas-soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, din il-Qorti tirrileva li l-appellata kellha l-għażla li tipproċedi kontra l-esponenti tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, li d-dettalji tagħhom kienu magħrufa minnha, u mbagħad kien jispetta lilhom li jagħrfu jitolbu l-kjamata fil-kawża tas-soċjetà li ħarġitilhom il-polza tal-assigurazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat, u tilqgħu.

---

[2] Q.A. 11.07.1994

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqa' l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, b'dan iżda s-sentenza tal-Ewwel Qorti tibqa' ferma u valida fir-rigward tal-intimati Martin Formosa, fil-kapaċità tiegħu ta' President, Anthony Zammit fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju u Feliċ Zerafa fil-kapaċità tiegħu ta' Teżorier tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, tal-Qrendi, li m'appellawx mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u li hija għalhekk *res judicata* fil-konfront tagħhom, u għalhekk id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-imsemmija intimati l-oħra fil-kawża, *in solidum* bejniethom.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-intimati Martin Formosa, fil-kapaċità tiegħu ta' President, Anthony Zammit fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju u Feliċ Zerafa fil-kapaċità tiegħu ta' Teżorier tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, tal-Qrendi, *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**